Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

Data tal-laqgħa: 2 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef
Mary Louise Briffa
Stephen Gatt
Dr Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-Kunsillier Stephen Gatt, bħala l-kunsillier l-aktar anzjan hekk kif imfisser fl-Att dwar Gvern Lokali, ippresjeda l-ewwel parti tal-laqgħa, sakemm Dr Angelo Micallef ħa l-ġurament tal-Kariga ta' Sindku.

## 32.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga mis-Sindku u mill-Viċi Sindku

32.1.1 Il-Kunsillier Stephen Gatt staqsa lill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Huwa qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga.

32.1.2 Il-Kunsillier Stephen Gatt għadda biex jistaqsi lill-Kunsillier Mary Louise Briffa jekk taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Hija qablet u għaldaqstant iffirmat l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga.

## 32.2 Ġurament tal-Kariga ta' Sindku u Viċi Sindku

32.2.1 Dr Angelo Micallef ingħata l-ġurament tal-Ħatra tas-Sindku mill-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr Martha Mifsud. Is-SE ippreżentat il-*lapel badge* u l-*Insignia* uffiċjali lis-Sindku.

32.2.2 Is-Sindku, Dr Angelo Micallef kompla jippresjeda l-laqgħa bħala Sindku.

32.2.3 Mary Louise Briffa ingħatat il-ġurament tal-Ħatra ta' Viċi Sindku mill-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr Martha Mifsud.

## 32.3 Preżentazzjoni mis-Sindku tar-responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsilliera

32.3.1 Is-Sindku beda billi irringrazzja mill-ġdid lis-Sindku preċedenti, in-Nutar Ian Spiteri ta' sitt snin ħidma b'risq ir-raħal u wiegħed li bħala Sindku ġdid ta' Ħal Balzan, il-bieb tiegħu ser iżommu miftuħ għall-kulħadd u ser jagħti ħiltu u l-enerġija kollha tiegħu b'risq il-lokalità. Dan ikun possibbli biss bl-għajnuna tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa u l-Kunsilliera kollha.

32.3.2 Is-Sindku ressaq lista ta' responsabbiltajiet u żewġ Sotto Kumitati ġodda (annessa) lil kull membru tal-Kunsill, ta spjegazzjoni qasira dwar x'inhuma r-responsabbiltajiet.

32.3.3 Is-Sindku infurma wkoll li, bħala Sindku ser jibqa' ser jirrappreżenta l-Kunsill fil-Kumitat tar-Reġjun u f'każ li huwa ma jkunx jista' jattendi għal xi laqgħa tar-Reġjun, il-Kunsillier Stephen Gatt ser ikun il-membru sostitut.

32.3.4 Il-Kunsilliera ma kellhomx oġġezzjoni u unanimament aċċettaw ir-responsabbiltajiet mogħtija lilhom mis-Sindku.

## 32.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

32.4.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.45pm.

32.4.2 Is-Sindku ippropona li tinbidel il-ġurnata tal-laqgħa li jmiss li kellha ssir fit-22 ta' Lulju peress li hemm il-Laqgħa tar-Reġjun fl-istess ġurnata u ħin.

32.4.3 Il-Kunsill unanimament qabel li l-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 20 ta' Lulju 2021 fl-4.00pm fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-pubbliku mhux ser ikun jista' jattendi l-laqgħa fiżikament minħabba restrizzjonijiet tal-COVID-19. Però, l-pubbliku ser ikun jista' jaċċessa l-laqgħa permezz ta' *Skype*.

Konfermati, it-Tlieta, 22 ta' Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# (2021 – 2024)

## RESPONSABBILTAJIET ASSENJATI LILL-KUNSILLIERA

Sindku Dr Angelo Micallef:
L-Infrastruttura, Proġetti u l-Kultura

Viċi Sindku Mary Louise Briffa:
Iż-Żgħażagħ u Tfal, L-Anzjani u L-Edukazzjoni

Kunsillier Stephen Gatt:
L-Indafa, L-Ambjent, Komunitajiet, Il-Qasam Soċjali u L-Integrazzjoni Soċjali

Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano:
L-Innovazzjoni, Il-Ħarsien tal-Annimali u Fondi tal-Unjoni Ewropea

Kunsillier ġdid:
Sports u Attivitajiet Fiżiċi

*Żewġ Sotto Kumitati ġodda:-*

Sotto Kumitat Pubblikazzjonijiet:
Is-Sindku Dr Angelo Micallef (*Chairperson*) u l-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano (membru)

Sotto Kumitat Kommunità Kummerċjali:
Kunsillier ġdid (*Chairperson*) u l-Kunsillier Stephen Gatt (membru)